**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**15 ta' Lulju 2019**

**Rikors Numru 3/2019**

**Joseph Micallef**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Joseph Micallef**ipprezentat fil-11 ta' Jannar 2019 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*" 1. Illi l-Awtorita' tal-Artijiet ma laqghetx it-talba li saret mill-esponenti ghall-proposta tieghu li tirrigwarda "Placing of tables and chairs at Tas-Serena Restaurant" Triq Juan Azzopardi Senglea u dan permezz ta' komunikazzjoni tal-istess Awtorita' intimata li ggib id-data tat-8 ta' Novembru 2018;*
*2. Illi l-appellant ihoss ruhu aggravat bid-decizjoni tal-Awtorita' appellata u ghalhekk qieghed jinterponi dan l-umli appell minn dik id-decizjoni;*
*3. Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-*
*a). Illi preliminarjament id-decizjoni tal-Awtorita' Intimata minkejja li hija ghandha dritt tiehu dawk id-decizjonijiet ai termini tal-Kap 563 izda d-decizjoni li hadet mertu ta' dan l-appell ma taghmilx gustizzja ghaliex fl-ewwel lok hija simili jekk mhux identita ghad-decizjoni li ttiehdet kontra applikazzjoni tal-istess appellant li kien ghamel fuq sit differenti minn dik odjerna u li hija mertu ta' appell quddiem dan it-Tribunal.*
*b. Illi inoltre t-talba tal-appellanti mhux qieghda tohloq xi inkonvenjent jew tirristringi l-uzu mill-pubbliku ingenerali imma filfatt dak li talab l-appellant kienet ser thalli effett ferm ahjar milli kien qabel u milli jinsab prezentament din il-bicca art li talab permess fuqha.*
*c. Illi jigi umilment rilevat illi din l-ispazju ta' art qatt ma ntuza b'mod tajjeb imma kien regolarment mitluq u kienu jitpoggew affarijiet li xorta wahda kienu jingumbraw l-istess art. Din il-bicca art hija ezattament biswit l-entratura tar-restaurant tieghu u l-uzu taghha ma kienet b'ebda mod ixxekkel jew tingombra xi passagg jew bankina anzi pjuttost kien ser ikun hemm tisbih a spejjez tal-appellant u dan skont kriterji diga' stabbiliti fuq skala nazzjonali u*

*anke bbazati fuq l-istess kriterji li ghandhom il-hwienet u restaurants kollha li hemm ix-Xatt tal-Isla;*
*d. Illi bid-dovut rispett lejn l-Awtorita' intimata ma hijiex tkun kostanti mall-permessi li nghataw lill-istabbilimenti kummercjali li jinsabu fix-Xatt tal-Isla li jekk wiehed jaghmel spezzjoni, jista' facilment jikkonstata li kollha ghandhom spazju quddiem il-bieb principali taghhom (xi whud anke jmorru oltre) imma ghandhom aktar minn hekk u sahansitra mwejjed u siggiejiet matul it-tul tax-Xatt tal-Isla fis-snes li ghandhom hafna mwejjed fuq in-naha l-ohra tat-Triq Juan Azzopardi u li dan ifisser li dawk li jahdmu f'dawn ir-ristoranti jridu jaqsmu t-triq min-naha ghall-ohra. Inoltre xi whud minnhom jinsabu ferm vicin ghall-iskallijiet minn fejn jittellghu u jitnizzlu d-dghajjes;*
*e. Illi l-appellanti ma jaqbilx ma' dak li hemm miktub fid-decizjoni tal-appellata fis-sens li hemm oggezzjoni daparti tal-Kunsill Lokali tal-Isla li skont l-Awtorita' qieghed joggezzjoni ghaliex fejn applika l-appellant jista' jkun ta' ostakolu ghat-tlugh u nzul tad-dghajjes. Dan huwa ghal kollox skorrett u dan jidher car mill-pjanta li giet ipprezentata mat-talba ghaliex hija cara li ma hemm ebda ostakolu u lanqas ser ikun hemm xi ostakolu fl-iskall vicin u dan ghas-semplici raguni li l-art hija n-naha l-ohra tax-xatt biswit ezatt tar-restaurant u dan kif ser jirrizulta fil-mori tas-smigh tal-appell u anke malli wiehed jara s-site plan tal-art fejn intalab li jitpoggew l-imwejjed u s-siggijiet. Huwa ghalhekk ukoll li d-decizjoni tal-Awtorita' ma taghmel ebda sens. Sahansitra wiehed jista' jghid li hija fotokopja ta' dak li nkiteb fid-decizjoni PLA1/2018/1177. Dan ghaliex dak l-ispazju huwa 'l boghod minn kwalunkwe skall jew post iehor minn fejn jittellghu u jitnizzlu d-dghajjes;*
*f. Illi kieku l-Awtorita' ghamlet ezami akkurat tal-post li dwaru saret it-talba tal-appellanti u dan anke bi zjara fuq il-post kien jigi facilment konstatat li ma jistax ikun li l-imwejjed u s-siggijiet kienu ser ikunu ta' ngombru jew ostakolu ghad-dghajjes tal-post. Dan ghas-semplici raguni li l-post mhuwiex max-xatt imma fuq in-naha l-ohra tat-triq u ghalhekk b'din l-ahhar decizjoni huwa car li l-Awtorita' hija kompletament zbaljata ghar-ragunijiet li ssejset id-decizjoni taghha kontra l-appellanti.*
*g. Illi ghalhekk l-Awtorita' ma kellhiex, fit-8 ta' Novembru 2018, tichad it-talba tal-appellanti minhabba allegazzjoni ta' ostakolu u ta' oggezzjoni daparti tal-Kunsill Lokali ghaliex ebda ostakolu ma jista' jigi kkrejat ghal min ghandu bcejjec tal-bahar peress li l-art hija fuq in-naha l-ohra tat-triq u zgur ma jistax jostakola ebda skall minn fejn jitnizzlu u jittellghu d-dghajjes u l-post li talab l-appellanti biex jitpoggew siggijiet u mwejjed u jkun qieghed isir azzjoni li tiddifferenzja lill-appellanti mill-operaturi l-ohra. Fuq kollox huwa jrid li juza dan l-ispazju minghajr ebda xkiel ghall-bankina jew passaggi tan-nies u minghajr ma jkun maghluq.*
*Ghaldaqstant l-appellant umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jhassar, jannulla u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' ghall-Artijiet tat-8 ta' Novembru 2018 bl-ispejjez kontra l-istess Awtorita'."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` tal-Artijiet** datata 28 ta' Novembru 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-
*"*

1. *Illi r-rikorrent talab l-Awtorita' esponenti permezz ta' applikazzjoni numru PLA1/2018/1176 liema applikazzjoni hija datata sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu elfejn u tmintax (2018) 'Proposed placing of tables and chairs i.f.o Tas-Serena Restaurant, Triq Juan B. Azzopardi, Senglea'.*

2. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi datata 26 ta' Ottubru, 2018 irrifjutat il-kunsens tagħha fil-prinċipju (objection in principle) peress li l-*

*applikant ġia mogħti permess għal quddiem ir-restaurant u t-talba odjerna tirreferixxi għal partijiet oħra inkluż li hemm oġġezzjoni tal-Kunsill Lokali minħabba li dan jista' jkun ta' ostakolu għal tlugħ u inżul tad-dgħajjes u jerġa' jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu għal dik mogħtija fl-applikazzjoni bir-referenza DCIP0048/2017 kif konness ma' PLA1/2018/0557;*

3. *Illi r-rikorrent tenna illi ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Awtorita' għar-ragunijiet illi semma fir-rikors promutur u għaldaqstant talab lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar, jannulla u jirrevoka d-deċiżżjoni tal-Awtorita` tal-Artijiet tat-8 ta' Novembru 2018 bl-ispejjes kontra l-istess Awtorita`;*

4. *Illi primarjament m'huwiex il-kompitu ta' dan it-Tribunal illi jidhol fi kwistjonijiet ta' diskrimnazzjoni kif kellu l-okkazjoni li jinnota l-istess Tribunal f'diversi sentenzi ;*

5. *Illi Art7(2)(c) tal-Kap 563 jagħmilha l-funzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet illi "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika" w'għaldaqstant l-Awtorita' kienet fid-dittijiet pjeni tagħha li tiehu tali decizjoni;*

6. *Illi in oltre fl-istess deċiżjoni tagħha l-Awtorità tat raġuni skont il-prinċipju amministrattiv ormaj stabbilit, "the duty to give reasons" u sejset id-deċiżjonijiet tagħha fuq il-fatti li kellha quddiemha;*

   a) *Illi rigward l-ewwel aggravju l-Awtorita`` tirribatti illi d-deċiżjoni tagħha hija simili ghad-decizjoni li hadet kontra sapplikazzjoni tal-istess appellant li kien ghamel fuq sit differenti ghaliex applikat l-istess kriterji stante li kellha l-istess oggezzjoni u cioe illi l-appellant jinghata encroachment fuq art li m'hijiex quddiem ir-restaurant tieghu, hija fuq il-parti ta' barra fit-tarf tal-promenade u twaqqaf id-dritt ta' access l-eqreb lejn il-bahar u ghaliex hemmhekk tradizjonalment u prezentement jitpoggew id-dghajjes fix-xitwa;*

   b) *Illi dan, jekk xejn, juri konsistenza mill-Bord tal-Gvernaturi liema konsistenza hija laudevoli u mhux deplorabbli fejn jidhlu decizjonijiet amministrattivi. L-ewwel decizjoni ttiehdet fuq bazi li ghall-Bord kienet wahda gusta u ma kellux ghalfejn jiddipartixxi minn dak f'dan l-istant;*

   c) *Illi rigward it-tieni aggravju jidher illi hemm diverġenza ta' opinjoni dwar jekk l-imsemmija mwejjed għandhomx il-potenzjal lijkunu ta' ostaklu jew le għad dgħajjes. Fil-fatt il-Kunsill Lokali jidher illi huwa tal-fehma illi jistaw ikunu ta' xkiel u dan huwa dak illi ttieħed in konsiderazzjoni wkoll mill-Bord li bl-informazzjoni li kellu quddiemu għaldaqstant ħass illi ma l-aħjar użu tal-art in kwistjoni ma kienetx dik illi l-privat igawdi minnha kummerċjalment a skaptu tal-użu aktar wiesa' mill-komunita li tista' tuza' l-istess art għat tlugħ u nżul tad-dgħajjes;*

   d) *Illi rigward it-tielet aggravju meta r-rikorrent qed jisħaq illi l-Awtorita' m'hijiex kostanti fid-deċiżjoni tagħha għaliex ingħataw permessi lil ħwienet oħra, dak li verament qiegħed jiġi allegat hija diskriminazzjoni mar-rikorrent meta huwa risaput illi d-diskriminazzjoni ma tistax tifforma bażi ta' appell mid-deċiżjonijiet quddiem dan il-Tribunal kif anka saħaq kemm -il darba l-istess Onor Tribunal kif presjedut;*

*e)* *Illi bla preġudizzju għas suespost ma jfissirx illi għax hemm ħwienet oħra bl-imwejjed u s-siġġijiet fuq ix-Xatt tal-Isla dawn huma neċessarjament kollha bil-permess;*

*f)* *Illi rigward l-aggravji fit-totalita' tagħhom u bla preġudizzju għas-suespot id-deċiżjoni mill-Awtorità intimata dwar l-imsemmija applikazzjoni kienet meħuda wara li ġie kkunsidrat l-aħjar użu illi għandu jsir mis-sit in kwistjoni, skond il-prinċipju tar-raġonevolezza tenut kont ukoll l-ispirtu tal-liġi relattivament ġdida riġward id-dominju pubbliku illi għalkemm ma tippreklud ix encroachments tisħaq l-importanza illi kemm jista' jkun l-art pubblika tiġi gawduta mill-pubbliku, u liema ragunijiet gew debitament notifikati lir-rikorrenti;*

*7. Illi, barra minn hekk, fl-istadju li ħa d-deċiżjonijiet rispettivi l-Bord tal-Gvernaturi hu kien qiegħed iħares lejn l-oġġezzjoni fil-prinċipju li r-rikorrent jissottometti applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar. Dan huwa stadju dwar prinċipji ġenerali aktar milli dwar dettalji partikulari għall-każ in diżamina. Kieku r-rikorrenti inghata d-dritt ikompli bl-applikazzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar pero' l-Bord tal-Gvernaturi xorta ddeċieda illi jirrifjuta illi jagħti l-permess definittiv kien ikun il-lok li jingħataw aktar dettalji dwar l-elementi tal-applikazzjoni, affarijiet li ma kellux għalfejn jidħol fihom galadarba ma qabilx illi dik l-art għandha tittiefes iżda għandha tibqa' tiġi gawduta mill-pubbliku;*

*Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrenti bl-ispejjeż interament għall-istess rikorrenti."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` ta' l-Artijiet datata 26 ta' Ottubru 2018 u komunikata lilu permezz ta' ittra datata 8 ta' Novembru 2018 li permezz taghha gie mgharraf illi l-applikazzjoni tieghu ghal *"proposed placing of tables and chairs at Tas-Serena Restaurant Triq Jun B. Azzopardi Senglea (Isla)"* kienet qieghdha tigi michuda peress li l-applikant *"gia kien gie moghti permess ghal quddiem ir-restaurant u t-talba odjerna kienet tirreferixxi ghal partijiet ohra, inkluz li hemm oggezzjoni tal-Kunsill Lokali minhabba li dan jista' jkun ta' ostakolu ghal tlugh u nzul tad-dghajjes u jerga' jikkonferma d-decizjoni tieghu ghal dik moghtija fl-applikazzjoni bir-referenza DCIP0048/2017 kif konness ma' PLA1/2018/0557" (*Dok C a fol. 59).

**Il-Perit Stefan Scotto,** *Senior Architect and civil engineer* tal-Awtorita` intimata, stqarr illi r-rikorrenti ssottometta izjed minn applikazzjoni wahda ghal *encroachment* biex ipoggi mwejjed u siggijiet. Wahda minnhom kienet ghal art vicin skall u l-ohra ghal fejn hemm qisha pjazzetta zghira mal-genb tal-hanut tar-rikorrenti, mertu ta' dan l-appell.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa ghandu ristorant fix-xatt tal-Isla. Jispjega li l-art ta' magenb ir-ristornat, fejn huwa talab ghal *encroachment*, ikun dejjem vojt stante li hemm bankina wiesgha. Mal-genb tal-bankina illum il-gurnata hemm linji sofor u m'ghadux possibbli li wiehed jipparkja. Ghalhekk fil-verita`, jekk jinghata *encroachment* ghal imwejjed u siggijiet, mhu se jkun qieghed jostakola lil hadd, la lin-nies u wisq inqas lid-dghajjes li jitilghu u jinzlu mill-iskall tal-faccata.

It-Tribuna ha konjizzjoni wkoll tan-nota pprezenata mir-rikorrent fit-2 ta' Mejju 2019, inkluz id-diversi filmati esebiti f'*pen drive* annessa maghha fejn jidher sew l-ambjent li ghalih applika ghall-*encroachment* ir-rikorrent.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal qieghed jintalab jirrevedi decizjoni ta' awtorita` pubblika li cahdet talba tar-rikorrent biex jinghata *no objection in principle* ghal tpoggija ta' mwejjed u siggijiet fuq art pubblika biswit ir-ristornat tieghu fi Triq Juan B. Azzopardi, Isla. Jirrizulta illi r-rikorrent diga` jgawdi minn *encroachment* fuq art pubblika fuq barra tal-hanut tieghu. Ic-cahda hija msejsa fuq il-fatt li r-rikorrent kien diga inghata koncessjoni ghal tpoggija ta' mwejjed u siggijiet quddiem il-hanut tieghu filwaqt li wkoll kien hemm oggezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Isla minhabba li tali permess jista' jkun ta' ostakolu ghat-tlugh u nzul tad-dghajjes.

Illi mir-ritratti esebiti mill-Perit Stefan Scotto jirrizulta illi effettivament is-sit li fuqu saret l-applikazzjoni odjerna huwa faccata ta' skall. Fil-mori ta' dawn il-proceduri l-oggezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Isla ghat-tehid ta' l-art in kwistjoni ma gietx esebita ghalkemm it-Tribunal ghandu konjizzjoni taghha minn kawza ohra bejn l-istess partijiet, liema kawza giet deciza fis-6 ta' Mejju 2019 fejn ir-rikorrent kien appella minn decizjoni ohra tal-Awtorita` intimata li rrifjutat li taghtih permess ghal *encroachment* biswit l-iskall.

Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal huwa ovvju li dak propost mir-rikorrent m'hu se johloq l-ebda ostakolu ghat-tlugh u nzul tal-opri tal-bahar u dan ghaliex dak propost huwa li l-imwejjed u s-siggijiet jitpoggew fuq bicca art faccata tal-iskall li llum il-gurnata hija ffurmata minn bankina. Kwindi fejn id-decizjoni taghmel referenza ghall-ostakolu ta' tlugh u nzul ta' dghajjes dan huwa ghal kollox skorrett.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-Awtorita` intimata m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-applikazzjoni odjerna u jkun ghaqli li din tigi riveduta u l-Bord tal-Gvernaturi jevalwa sew fejn qieghda l-art in kwistjoni. It-Tribunal jaghmilha cara illi huwa bl-ebda mod m'hu qed jidhol fil-mertu tal-applikazzjoni, u cioe` jekk l-applikazzjoni ghandhiex tintlaqa' jew le, u dan sabiex l-Awtorita` intimata tithalla fil-liberta` li terga' tevalwa mill-gdid l-applikazzjoni ghal dak propost mir-rikorrent wara li tiehu konjizzjoni sew tas-sit in kwistjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal se jkun qieghed jirrevoka d-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jichad ir-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**